MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.10.2009
KUMM(2009) 551 finali

2009/0164 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija**

**(riformulazzjoni)**

**{SEC (2009) 1373 }**
**{SEC (2009) 1374 }**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hi kitba mill-ġdid tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala rifuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[1] (id-"Direttiva dwar il-Kwalifika" jew "id-Direttiva").

Il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni biex tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-ewwel fażi tal-istrumenti legali u biex tippreżenta strumenti tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom qabel it-tmiem tal-2010. Fil-Programm ta' Politika dwar l-Ażil[2], il-Kummissjoni proponiet l-ikkompletar tat-tieni fażi tas-Sistema tal-Ażil Komuni Ewropea (CEAS) permezz taż-żieda fl-istandards ta' protezzjoni u billi tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom fl-UE. Il-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil ("Patt"), adottat fis-16 ta' Ottubru 2008, provda aktar kunsens u impetu politiku għal dan il-għan, billi sejjaħ għal inizjattivi sabiex jitkompla l-istabbiliment tas-CEAS sabiex jiġi offrut grad ogħla ta' protezzjoni.

Attwalment, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, inkluż informazzjoni estensiva dwar in-nuqqasijiet li jikkonċernaw it-termini tad-Direttiva u l-manjiera kif din hi applikata fil-prattika.

– F'Ġunju 2007 il-Kummissjoni ppreżentat **Green Paper**[3] li kellha l-għan li tidentifika għażliet possibbli sabiex tiġi ffurmata t-tieni fażi tas-CEAS. Bħala risposta għal din il-konsultazzjoni pubblika, din irċeviet **89 kontribuzzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' persuni interessati u rilevanti**, inkluż numru sinifikanti ta' Stati Membri u NGOs[4], biex b'hekk kien hemm firxa wiesgħa ta' ideat dwar emendi possibbli lid-Direttiva.

– Il-Kummissjoni ġabret informazzjoni dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva permezz tal-**attivitajiet ta' monitoraġġ regolari** tagħha u għandha ukoll għad-dispożizzjoni tagħha **bosta studji** prodotti mill-UNHCR u diversi NGOs[5] li jevalwaw l-

---

1 ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.
2 Programm ta' Politika dwar l-Ażil, " Approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE", COM(2008)360.
3 COM(2007) 301
4 Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/immigration/integration/doc/2007/handbook_2007_en.pdf
5 UNHCR, "Ażil fl-Unjoni Ewropea, Studju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki", Novembru 2007; ELENA/ECRE, "L-Impatt tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki tal-UE rigward Protezzjoni Internazzjonali", Ottubru 2008; France Terre d'Asile, "Asile La protection subsidiaire en Europe: Un mosaïque de droits", Les cahiers du social no 18, Septembre 2008; Kunsill Olandiż tar-Rifuġjati/ECRE, 'Netwerking dwar it-Traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki', Diċembru 2008, Nijmegen University, "Id-Direttiva dwar il-Kwalifiki: Temi ċentrali, Kwistjonijiet problematiċi, u Implimentazzjoni fi Stati Membri magħżula", Karin Zwaan (ed), 2007

implimentazzjoni tad-Direttiva kif ukoll rapport li sar, f'isem il-Kummissjoni, min-netwerk akkademika Odysseus[6].

- Aktar dejta ġiet miġbura bħala risposta għall-**kwestjonarji dettaljati** indirizzati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kollha u lis-soċjetà ċivili.

- Barra minn hekk, **studju estern** ġie kondott f'isem il-Kummissjoni, li janalizza l-evidenza eżistenti u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet u tal-kwestjonarji, sabiex tiġi preparata l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkompanja din il-proposta[7].

- Kif ukoll, il-Kummissjoni organizzat **bosta laqgħat tal-esperti** sabiex tiddiskuti emendi possibbli għad-Direttiva: **laqgħa mal-imħallfin, akkademiċi, UNHCR u numru selettiv ta' esperti mill-MS** fis-26.06.2008; **żewġ laqgħat mal-MS** (waħda fuq livell ta' esperti fid-19.11.2008 u l-oħra fil-kuntest tal-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil fit-12.12.2008) u **żewġ laqgħat mal-NGOs**, fit-8.1.2009 u fit-23.2.2009.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni identifikat bħala problema prinċipali li l-istandards minimi adottati huma vagi u ambizzjużi. Bħala riżultat:

- huma insuffiċjenti sabiex tiġi żgurat kompatibbiltà totali mal-istandards li qed jevolvu tad-drittijiet umani u tal-liġi tar-rifuġjati

- huma ma kisbux livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni u

- huma jħallu impatt negattiv fuq il-kwalità u l-effiċjenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-istess konklużjoni ħarġet fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat ("Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil")[8]

Din il-proposta hi adottata flimkien mal-kitba mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil sabiex jiġi żgurat grad ogħla ta' armonizzazzjoni u standards ta' protezzjoni sostantivi u proċedurali aħjar, fuq il-bażi legali preżenti, lejn l-istabbiliment ta' proċedura tal-ażil komuni u status uniformi, kif mitlub mill-Programm tal-Aja. L-emendi huma mistennija:

a) sabiex **jiġu ssimplifikati l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjoni u jwasslu għal aktar determinazzjonijiet robusti fl-ewwel waqt**, u għalhekk jiġi **evitat l-abbuż;**

b) sabiex **il-proċeduri għall-għotja ta' drittijiet jiġu ssimplifikati, u għalhekk tiġi mtejba l-effiċjenza** tal-proċess tal-ażil, u

---

[6] Disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/asylum/studies/wai/doc_asylum_studies_en.htm

[7] GHK, Studji tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar L-Iżvilupp futur tal-miżuri dwar il-kwalifiki u status ta' ċittadini minn pajjiż terz jew persuni mingħajr stat bħala persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u dwar il-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ibbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE u L-Iżvilupp futur ta' miżuri dwar proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u irtirar tal-istatus ta' rifuġjat, ibbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, Kuntratt ta' servizz ta' qafas multiplu JLS/2006/A1/004.

[8] ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13

c) sabiex tiġi **żgurata l-koerenza mal-ġurisprudenzi** tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (ECJ) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECtHR).

B'mod partikulari:

a) Bħala riżultat tan-nuqqas ta' ċarezza u tal-ambigwità f'bosta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, min jieħu d-deċiżjonijiet għandu diffikultajiet sabiex jasal malajr għal deċiżjonijiet robusti, filwaqt li l-possibbiltà li kunċetti jiġu interpretati b'modi diversi jirriżulta għal rikorsi intensivi għal appelli u għal applikazzjonijiet sussegwenti, u f'rati għolja ta' appelli b'suċċess kontra deċiżjonijiet negattivi. Il-proposta ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet sabiex jittrattaw każijiet ta' applikazzjoni mhux fondati u abbużivi u b'mod aktar ġenerali sabiex jipproċessaw talbiet aktar maljar filwaqt li jaslu għal deċiżjonijiet solidi, li mhumiex frekwentement maqluba fl-appell sabiex jiġu evitati litgazzjonijiet prolongati billi tnaqqas iċ-ċans għal inċertezzi u żbalji amministrattivi u billi **jiġu ċċarati l-kunċetti legali u għalhekk tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni tagħhom**. Dan se jwassal ukoll għal aċċess aktar malajr għad-drittijiet msemmija fid-Direttiva għal persuni li ġenwinament għandhom bżonn il-protezzjoni filwaqt li fl-istess ħin tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri sabiex ineħħu b'mod rapidu mit-territorju lil min ma jirnexxilux jikseb u biex ittejjeb il-kredibilità tal-proċess kollu.

b) Il-proposta **tfittex li tissimplifika proċeduri u tnaqqas spejjeż amministrattivi u piżijiet assoċjati maż-żamma ta' żewġ status ta' protezzjoni.** B'riżultat tal-approssimazzjoni tad-drittijiet mogħtija liż-żewġ kategoriji ta' benefiċċjarji ta' protezzjoni, l-awtoritajiet mhux se jkollhom aktar bżonn li japplikaw kundizzjonijeit u proċeduri distinti għal ħruġ ta' permessi għar-residenza u dokumenti tal-ivvjaġġar u għal għoti tal-aċċess għal impjieg, assistenza soċjali, kura tas-saħħa u benefiċċji għall-membri tal-familja u għal programmi ta' integrazzjoni. Proċeduri relevanti tal-amministrazzjoni se jkunu ssimplifikati u spejjeż assoċjati mal-ħolqien u manteniment ta' infrastrutturi differenti se jiġu mnaqqsa.

c) Finalment, sakemm li l-obbligi tar-rifuġjat u tad-drittijiet tal-bniedem huma soġġetti għal interpretazzjoni awtorevoli li dejjem qed tevolvi mill-korpi u ġurisdizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali kompetenti, il-proposta tipprova **tiżgura l-kompatibilità sħiħa tal-istandards tal-acquis tal-UE mal-istandards żviluppati mill-adozzjoni tad-Direttiva** mill-ġurisprudenza tal-ECJ u tal-ECtHR.

Għal dak li jirrigwardaw l-piżijiet finanzjarju u amministrattivi li joħorġu mill-miżuri li huma previsti għal dawk l-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi tal-ażil tagħhom, speċjalment minħabba tas-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom, ir-riżorsi tal-Fond Ewropew tar-Refuġjati se jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi appoġġ adegwat lil dawn l-Istati Membri u sabiex jiżgura li l-piż ikun maqsum b'mod aktar ġust bejn l-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ għall-Ażil se jikkoordina u jappoġġja azzjoni komuni sabiex jgħin lill-Istati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet partikolari, u, aktar ġenerali, jgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw il-mezzi l-aktar effiċċjenti f'termini ta' spejjeż sabiex jiġu implimentati l-miżuri ppjanati permezz ta' qsim ta' prattiki tajba u l-iskambju strutturat ta' kompetenza ta' livell għoli.

### 1.2. Kuntest ġenerali

Matul l-ewwel fażi tas-CEAS l-għan imwaqqaf mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere kien li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jkunu armonizzati fuq il-bażi ta' standards komuni minimi. Id-Direttiva tal-Kwalifiki kienet għalhekk adottata sabiex jiġu definiti kriterji komuni għall-

identifikazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u sabiex tiżgura li minn ta' lanqas livell minimu ta' benefiċċji hu disponibbli għal dawk il-persuni fl-Istati Membri kollha.

Din il-proposta għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-ewwel fażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-ażil u sabiex tiżgura standards ogħla u aktar armonizzati ta' protezzjoni, għalhekk twassal għal proċedura komuni tal-ażil u status uniformi, kif mfassla fil-konklużjonijiet ta' Tampere u kif repetuti fil-programm tal-Aja. Analiżi dettaljata tal-problemi identifikati fir-rigward ta' din id-Direttiva u dwar il-preparazzjoni mwettqa għall-adozzjoni tagħha, l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażliet politiċi u l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-għażla politika preferuta huma inklużi fil-Valutazzjoni tal-Impatt, annessa ma' din il-proposta.

### 1.3. Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn tal-Unjoni

Din il-proposta hi konformi b'mod sħiħ mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-1999 u mal-Programm tal-Aja tal-2004 fir-rigward tal-istabbiliment tas-CEAS.

## 2. Konsultazzjonijiet ta' Partijiet Interessati

Il-Kummissjoni ħarġet informazzjoni ta' ċertu importanza fir-rigward tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-proposta li temenda abbażi tas-suġġerimenti li ngħataw bħala risposta għal-Green Paper ta' Ġunju tal-2007 u abbażi tal-istudji msemmija aktar 'l fuq li jivvalutaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Kif msemmi f'aktar dettall hawn fuq, il-Kummissjoni organizzat ukoll serje ta' konsultazzjonijiet sabiex tiddiskuti b'mod informali deskrizzjoni wiesgħa tal-emendi proposti ma' Stati Membri, NGOs, UNHCR, imħallfin esperti fil-liġi tar-rifuġjati u akkademiċi.
Il-partijiet ikkonsultaw appoġġ espress għal aktar armonizzazzjoni rigward kemm il-bażi kif ukoll il-kontenut tal-protezzjoni. L-Istati Membri kienu diviżi dwar il-kwistjoni li d-definizzjoni ta' membri tal-familja għandha tiġi miftuħa aktar u dwar emenda tad-definizzjoni ta' "grupp soċjali partikolari". Kien hemm kunsens ġenerali fost l-Istati Membri dwar il-bżonn li jiġu approssimati d-drittijiet mehmuża mal-istatus tar-rifuġjat u protezzjoni sussidjarja, filwaqt li jiġu miżmuma żewġ status separati. Min-naħa l-oħra, il-UNHCR u s-soċjetà ċivili jiffavorixxu l-istabbiliment ta' status uniformi u singolu. Il-partijiet interessati saħqu għall-ħtieġa tal-kjarifika tal-Artikolu 15 (c).

Il-Kummissjoni qed tipproponi approċċ pragmatiku li jikkonsisti mill-fatt li d-definizzjoni ta' membri tal-familja tiġi miftuħa sakemm hu meħtieġ sabiex tiġi żgurata koerenza mal-Proposta li temenda r-Regolament ta' Dublin[9] u d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza[10]. Fir-rigward tad-definizzjoni tal-bażi "sħubija f'grupp soċjali partikolari", il-punt fokali hu fuq il-forniment ta' aktar gwida konkreta dwar il-piż li għandu jingħata lil aspetti relatati mas-sess. Barraminhekk, l-emendi għandhom l-għan li jneħħu d-differenzi kollha fit-trattament taż-żewġ kategoriji li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ġustifikati b'mod oġġettiv, u

9 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat COM (2008) 820 final/2).

10 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil, COM (2008) 815 final/2).

għalhekk nersqu b'mod progressiv lejn uniformità tal-protezzjoni filwaqt li nżommu d-distinzjoni bejn iż-żewġ status.

Ir-rekwiżit tal-eżistenza ta' "theddida serja u individwali" fl-Artikolu 15(c) kienet interpretata mill-ECJ fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2009, C-465/07[11]. Il-Qorti ddefiniet il-kundizzjonijiet taħt liema theddida bħal din tista' tiġi kkunsidrata b'mod eċċezzjonali kif stabbilit fil-każ ta' rikorrent li mhux immirat speċifikament minħabba fatturi partikolari għaċ-ċirkostanzi tiegħu/tagħha u provdiet gwida dwar l-użu tal-grad ta' vjolenza indiskriminatorja li tikkaratterizza lill-kunflitt armat bħala kriterja għall-valutazjoni tal-eżistenza ta' theddida serja u individwali. F'dan il-kuntest, il-Qorti eżaminat il-loġika, l-istruttura u l-kliem ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva u sabet li dawn ilkoll jappoġġjaw b'mod koerenti u jivvalidaw din l-interpretazzjoni. Barra minn hekk, hi kkonkludiet li din l-interpretazzjoni hi kumpatibbli b'mod sħiħ mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedma u Libertajiet Fundamentali ("ECHR"), inkluż il-każistika tal-ECtHR relatata mal-Artikolu 3. Għalhekk, *fid-dawl tal-gwida interpretattiva provduta permezz ta' din is-sentenza u minħabba l-fatt li d-dispożizzjonijiet rilevanti nstabu li kienu kumpatibbli mal-ECHR, emenda tal-Artikolu 15(c) mhix kkunsidrata meħtieġa.*

## 3. Elementi Ġuridiċi tal-Proposta

### 3.1. Sinteżi tal-azzjoni proposta

L-għan ewlieni ta' din il-proposta hu li jiżgura

– **standards ta' protezzjoni ogħla** kemm fir-rigward tal-bażi u tal-kontenut tal-protezzjoni f'konformità mal-istandards internazzjonali, u b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra rigward l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif supplimentata mill-Protokoll ta' Ġdid York tal-31 ta' Jannar 1967 ("Konvenzjoni ta' Ġinevra") u rispett totali għal ECHR u għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ("Karta tal-UE"); u

– **aktar armonizzazzjoni tal-istandards ta' protezzjoni** sabiex tnaqqas movimenti sekondarji sakemm dawn huma dovuti għad-diversità tal-qafas nazzjonali legali u prattiki ta' teħid ta' deċiżjoni u għal-standards differenti ta' drittijiet provduti fi Stati Membri differenti.

Għal dan il-għan, il-proposta tindirizza serje ta' kwistjonijiet preżentati hawn taħt. Spjegazzjoni dettaljata tal-emendi hi preżentata fl-Anness ma' din il-Proposta.

<u>1. Atturi ta' protezzjoni</u>

In-nuqqas ta' ċarezza tal-kunċett tippermetti għal diverġenzi kbar u għal interpretazzjonijiet wiesgħa li jistgħu ma jissodisfawx l-istandards imwaqqfa mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar x'inhu dak li jikkostitwixxi protezzjoni adegwata. Per eżempju, l-awtoritajiet nazzjonali li

[11] Il-Qorti ġiet mitluba biex tagħti sentenza preliminari dwar jekk l-eżistenza ta' theddida serja u individwali għall-ħajja jew persuna tal-applikant għal protezzjoni sussidjarja hi soġġetta għall-kundizzjoni li dak r-rikorrent jġib evidenza li hu mmirat speċifikament minħabba fatturi partikolari għaċ-ċirkostanzi tiegħu u, jekk le, sabiex jindika l-kriterju li fuqu l-eżistenza ta' riskju bħal dak jista' jiġi kkunsidrat bħala stabbilit.

jinterpretaw b'mod wiesgħa d-definizzjoni attwali, ikkunsidraw klannijiet u tribujiet bħala atturi potenzjali ta' protezzjoni minkejja li dawn mhumiex Stati fir-rigward tal-abbiltà tagħhom sabiex jipprovdu protezzjoni. F'ċirkostanzi oħra, l-awtoritajiet ikkunsidraw organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala atturi ta' protezzjoni fir-rigward ta' nisa f'riskju ta' multilazzjoni ġenitali femminili u qtil tal-unur minkejja l-fatt li organizzazzjonijiet bħal dawn jistgħu biss jipprovdu sigurtà temporanja jew kenn biss għall-vittmi ta' persekuzzjoni. Sabiex jiġu evitati spazji ta' protezzjoni bħal dawn u sabiex tiġi żgurata l-kumpatibilità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u livelli aħjar fil-kwalità u l-effiċjenza tat-teħid ta' deċiżjoni kif ukoll konsistenza interpretattiva u koerenza ma' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva, il-proposta tiċċara l-kriterji għall-valutazzjoni tan-natura tal-protezzjoni.

Fejn id-Diretttiva tistabbilixxi lista indikattiva, din tuża termini bħal "tinkludi" jew "inter alia"; għalhekk, in-nuqqas ta' termini bħal dawn fl-Artikolu 7 hi diġa indikazzjoni ta' karattru eżawrjenti tal-lista. Madanakollu, sabiex ikun hemm aktar ċarezza, huwa utli li wieħed jispeċifika b'mod espliċitu li l-lista tal-atturi ta' protezzjoni hi eżawrjenti.

Huwa ukoll neċessarju li l-protezzjoni għandha tkun effettiva u li ddum maż-żmien u li atturi tal-protezzjoni mhux tal-Istat għandhom jkunu lesti u kapaċi li jinforzaw l-istat ta' dritt. Il-kunċett ta' "lest li jipproteġi" tirrifletti r-rekwiżit diġà stabbilit fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva, li skont dan l-applikant *għandu jkollu aċċess għal protezzjoni*. Il-fatt biss li entità tista' tipprovdi protezzjoni mhux suffiċċjenti; għandha tkun lesta li tipproteġi lill-individwu partikolari. Min naħa l-oħra, *"lest li jipproteġi" waħdu mhux suffiċċjenti fin-nuqqas ta' "kapaċi jipproteġi"*. Barra minn hekk, anke atturi li jridu u li huma kapaċi *fi prinċipju* li jipprovdu protezzjoni iżda *li fir-realtà mhumiex qed jipprovduha* jew li jistgħu jipprovdu protezzjoni *biss fuq bażi tranżitorja jew temporanja* huma esklużi mill-iskop tal-kunċett. Ir-referenza għall-infurzar tal-istat ta' dritt tagħti aktar prominenza għal kundizzjoni diġà msemmija fl-Artikolu 7(2), jiġifieri, *it-tħaddim ta' sistema legali effettiva*.

Finalment, il-kundizzjoni li l-protezzjoni għandha tkun effettiva u li ddum fiż-żmien tiżgura koerenza mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva, li tirrikjedi, minħabba ċ-ċessazzjoni, li l-biddla fiċ-ċirkostanzi fil-pajjiż tal-oriġini għandhom ikunu *sinifikanti u ta' natura mhux temporanja*.

2. Protezzjoni internazzjonali

L-għan u l-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali mhumiex limitati għal *"non-refoulement"*. Għalhekk huwa meħtieġ li tispeċifika li din tistà tiġi miċħuda biss meta l-*protezzjoni* hi disponibbli f'ta' lanqas l-iċken parti tal-pajjiż ta' oriġini. Huwa wkoll meħtieġ li wieħed jiżgura l-kompatibbilità tal-kunċett ta' protezzjoni interna mal-Artikolu 3 tal-ECHR, kif interpretat f'sentenza reċenti tal-ECtHR[12]. Id-definizzjoni preżenti mhux biss tħalli barra rekwiżiti essenzjali li joħorġu minn din is-sentenza, iżda ukoll tikkontradixxi b'mod ċar il-kundizzjonijiet msemmija minn din il-Qorti. Għalhekk il-proposta:

- tintroduċi verbatim il-kundizzjonijiet ta' qabel miġjuba fis-sentenza hawn fuq għall-applikabbiltà tal-kunċett ta' protezzjoni interna, jiġifieri li l-applikant għandu jkun jista' jsiefer, jakkwista d-dħul u jsib sistemazzjoni f'post ieħor.

- tħassar il-possibiltà li tiġi applikata l-alternattiva interna għat-titjiriet minkejja tfixkil tekniku bħala inkompatibbli mar-rekwiżiti t'hawn fuq

[12] Sentenza tal-11 ta' Jannar tal-2007, Salah Sheekh v. The Netherlands, paragrafu 141

- tinkludi riferenza mal-obbligazzjoni tal-awtoritajiet sabiex tikseb informazzjoni preċiża u aġġornata dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż, għalhekk tirrifletti l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri għall-Ażil.

3. Ir-Rekwiżit tal-"konnessjoni każwali"

F'bosta każijiet fejn il-persekuzzjoni tiġi minn atturi mhux tal-Istat, bħal eżempju l-milizzja, klannijiet, netwerks kriminali, komunitajiet lokali jew familji, l-att ta' persekuzzjoni ma sarx għar-raġunijiet relatati mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra iżda, per eżempju, ma' raġunijiet kriminali jew għal vendetta privata. Madanakollu, ħafna drabi jiġri f'dawn il-każijiet li l-Istat ma jistax jew ma jridx jipprovdi protezzjoni għall-individwu kkonċernat *minħabba raġuni relata mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra* (per eżempju reliġjon, sess, etniċità eċċ). Il-proposta, sabiex tindirizza xquq fi protezzjoni potenzjali, tispjega b'mod espliċitu li r-rekwiżit ta' konnessjoni bejn l-atti ta' persekuzzjoni u r-raġunijiet għal persekuzzjoni hi ukoll sodisfatta fejn hemm konnessjoni bejn l-atti ta' persekuzzjoni u n-nuqqas ta' protezzjoni kontra atti bħal dawn.

4. Sħubija fi grupp soċjali partikolari

Is-sess bħala tali normalment mhux suffiċjenti bħala kriterja għad-definizzjoni ta' grupp soċjali partikolari; hu ġeneralment użat f'taħlita ma' fatturi oħra, per eżempju klassi, status maritali, etniċità jew affiljazzjoni fi klan. Madanakollu, nisa jistgħu jifformaw grupp soċjali partikolari f'xi soċjetajiet, kif wieħed jista' jara mid-diskriminazzjoni fid-drittijiet fundamentali tagħhom. L-għażla ambigwa tal-kliem tal-aħħar frażi tal-Artikolu 10(1)(d) tippermetti għal lakuni fil-protezzjoni u għal interpretazzjonijiet li huma tassew diverġenti. L-emenda tispeċifika li s-sess għandu jingħata l-kunsiderazzjoni dovuta minħabba t-tifsira ta' grupp soċjali partikolari, b'hekk tiġi pprovduta gwida ċara u utli u l-konsistenza tiġi żgurata.

5. Waqfien ta' status ta' rifuġjat u tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja

Referenzi għall-eċċezzjonijiet tal-klawżoli ta' ċessjoni "ċikostanzi li ntemmu", imsemmija fl-Artikoli 1C(5) u 1C(6) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, tħallew barra mid-Direttiva dwar il-Kwalifika. Dawn l-eċċezzjonijiet jipprovdu għall-kontinwazzjoni tal-protezzjoni għal "raġunijiet importanti li joħorġu minn persekuzzjoni ta' qabel" u huma interpretati bħala li jirriflettu prinċipju umanitarju ġenerali. Il-proposta tintroduċi dawn l-eċċezzjonijiet fir-rigward kemm tal-istatus ta' rifuġjat u għal protezzjoni sussidjarja.

6. Differenzjar rigward il-kontenut taż-żewġ status ta' protezzjoni

Emenda li hi mistennija li tissimplifika b'mod sinifikanti u tintegra l-proċeduri u li tnaqqas spejjeż amministrattivi hi mmirata li tagħmel approssimazzjoni tad-drittijiet mogħtija liż-żewġ kategoriji ta' benefiċjarji ta' protezzjoni. Meta protezzjoni sussidjarja ġiet introdotta, wieħed assuma li dan l-istatus kien ta' natura temporanja. Bħala riżultat, id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri d-diskrezzjoni li ttihom livell aktar baxx ta' drittijiet f'ċerti aspetti. Madanakollu, esperjenza fil-prattika akkwistata s'issa wriet li din l-assunzjoni inizjali ma kinitx eżatta. Huwa għalhekk meħtieġ li wieħed ineħħi kull limitazzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja li ma jistgħux jibqgħu jiġu kkunsidrati bħala meħtieġa u ġustifikati b'mod oġġettiv. Approssimazzjoni tad-drittijiet bħal dawn hi meħtieġa sabiex tiżgura rispett totali tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni, kif interpretata fil-każistika reċenti

tal-ECtHR[13] u tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tal-NU. Din hi risposta ukoll għas-sejħa tal-Programm tal-Aja għall-ħolqien ta' status uniformi ta' protezzjoni.

7. Kontenut ta' protezzjoni

Sabiex tiżgura l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet mogħtija formalment lill-benefiċjarji tal-protezzjoni, hu meħtieġ li wieħed jindirizza l-isfidi dwar l-integrazzjoni speċifiċi li qed jħabbtu wiċċhom magħha.

a) Għarfien ta' kwalifiki: Sabiex wieħed jindirizza d-diffikultajiet ta' prattika li joħorġu min-nuqqas ta' abbiltà sabiex jipprovdu evidenza dokumentarja u mill-kapaċitajiet finanzjarji limitati tagħhom, il-proposta tinkoraġixxi lill-Istati Membri sabiex jadottaw proċeduri alternattivi xierqa u li jeżentawhom mill-ħlasijiet involuti jew jagħtuhom asisstenza finanzjarja, fejn meħtieġ.

b) Aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u impjieg: Benefiċjarji ta' protezzjoni ħafna mid-drabi ma jistgħux jaħdmu għal snin jew mhumiex familjari mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u mal-prattiki tar-reklutaġġ. Il-proposta tobbliga lill-Istati Membri sabiex joffrulhom aċċess għal korsijiet ta' taħriġ sabiex jtejbu l-ħiliet tagħhom u għal servizzi ta' pariri offruti mill-uffiċċji tal-impjieg.

c) Aċċess għal faċilitajiet ta' integrazzjoni: L-opportunitajiet effettivi ta' integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni se jkunu mtejba b'mod sinifikanti jekk l-isfond edukattiv u professjonali differenti jew l-ispeċifikazzjonijiet l-oħra tas-sitwazzjoni tagħhom kienu meħuda inkunsiderazzjoni b'mod adegwat fil-faċilitajiet ta' integrazzjoni. Il-proposta tirrikjedi lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw fil-politiki ta' integrazzjoni tagħhom ir-risposta li huma jikkunsidraw xierqa sabiex jissodifaw dawk il-bżonnijiet speċifiċi.

d) Aċċess għal akkomodazzjoni: Ħafna benefiċjarji tal-protezzjoni jesperjenzaw diskriminazzjoni diretta u indiretta fis-suq tad-djar. F'konformità mal-approċċ spjegat fil-Ktieb dwar l-Integrazzjoni[14], il-proposta ssejjaħ lill-Istati Membri sabiex joħolqu politiki mmirati fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u fil-ksib ta' opportunitajiet indaqs.

e) Il-Possibilitajiet għat-tnaqqis tal-benefiċċji f'każijiet ta' talbiet "manifatturati": Dawn il-possibilitajiet ma jwasslux għall-integrazzjoni u jqajjmu kwistjonijiet mill-perspettiva tal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-użu limitat tagħhom fil-prattika turi l-valur limitat miżjud tagħhom. Huwa propost għalhekk li dawn il-possibilitajiet jiġu mħassra.

8. Membri tal-familja

Id-definizzjoni ta' membri tal-familja tiġi estiża sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-każ fejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni hu minur u l-firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet fejn minur jista' jkun dipendenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-kriterja deċisiva hi l-aħjar interess tal-ulied.

---

13 Sentenza tal-15 ta' Frar 2006 fil-kawżi Niedzwiecki v Ġermanja u Okpisz v Il-Ġermanja.

14 It-tieni edizzjoni, disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/immigration/integration/doc/2007/handbook_2007_en.pdf, pp. 32-36

### 3.2. Bażi legali

Din il-proposta temenda d-Direttiva 2004/83/KE u tuża l-istess bażi legali bħal dak l-att, jiġifieri l-punti 1(c), 2(a) u 3(a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 tat-Trattat tal-KE.

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, isostnu li l-Irlanda u r-Renju Unit jistgħu 'jagħżlu' miżuri li jistabbilixxu Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea. Bi qbil mal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda għarrfu dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu parti fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madanakollu, il-pożizzjoni ta' dawn l-Istati Membri rigward id-Direttiva attwali ma taffettwax il-parteċipazzjoni possibbli tagħhom fir-rigward tad-Direttiva l-ġdida.

Skont l-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta b'din id-Direttiva u lanqas mhi suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

### 3.3. Il-Prinċipju ta' Sussidjarjetà

It-titlu IV tat-Trattat tal-KE ('TEC') dwar viżi, ażil, immigrazzjoni u politiki oħrajn relatati mal-moviment ħieles ta' persuni jagħti ċerti setgħat dwar dawn il-kwistjonijiet fuq il-Komunità Ewropea. Dawn il-każijiet għandhom jiġu trattati skont l-Artikolu 5 TEC.

Minħabba n-natura transnazzjonali tal-problemi relatati mal-ażil, l-UE hi f'qagħada tajba sabiex tipproponi soluzzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet rigward il-kwalifiki u l-istatus ta' benefiċjarji ta' protezzjoni. Għalkemm livell importanti ta' armonizzazzjoni ntlaħaq minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva attwali, aktar azzjoni tal-UE hi meħtieġa sabiex wieħed jikseb standards ogħla u aktar armonizzati tal-protezzjoni u sabiex jittieħdu aktar passi lejn status uniformi. B'mod partikolari, aktar sforzi lejn il-ksib ta' opportunitajiet indaqs huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li s-Sistema ta' Dublin tista' taħdem b'mod ġust u effiċjenti. Kif ġie misħuq fil-Pjan ta' Politika, sabiex jiġu ndirizzati l-kwistjonijiet dwar it-tħaddim ta' din is-sistema, hu meħtieġ li jiġi żgurat li dawk li qed ifittxu l-ażil li jaqgħu taħtha għandhom aċċess ugwali għall-protezzjoni.

Fil-Patt, il-Kunsill Ewropew enfasizza dak li kien qed jinkwetah li numru konsiderevoli ta' diverġenzi baqgħu jeżistu bejn Stat Membru u ieħor dwar l-għoti ta' protezzjoni u l-forom li l-protezzjoni tieħu u sejjaħ għal inizjattivi ġodda sabiex jitkompla l-istabbiliment tas-CEAS, li kien provdut fil-Programm tal-Aja, u għalhekk sabiex joffru grad ogħla ta' protezzjoni, kif propost mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Politika tagħha..

### 3.4. Il-Prinċipju tal-Proporżjonalità

Il-valutazzjoni tal-impatt rilevanti vvalutat kull għażla għall-problemi ddentifikati sabiex tippreżenta proporzjoni ideali bejn il-valur prattiku u l-isforzi meħtieġa u kkonkludiet li l-għażla għall-azzjoni tal-UE ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan li jissolvew dawk il-problemi.

### 3.5. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

Din il-proposta kienet soġġett għal skrutinju fil-fond b'intenzjoni li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha huma kumpatibbli b'mod sħiħ i) mad-drittijiet fundamentali li joħorġu mill-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja li, huma nfushom huma riżultat tat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni mal-Istati Membri u l-ECHR, kif miġjub, barraminhekk

fil-Karta tal-UE u ii) mal-obbligi li joħorġu mil-liġi internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra, u mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU.

Il-proposta se żżid l-*aċċess għall-protezzjoni u ġustizzja*: billi jiġu ċċarati l-bażi ta' protezzjoni din se tnaqqas l-ispazju tal-protezzjoni u tiddiversifika prattiki ta' rikonoxximent u se twassal għal titjib ġenerali tal-kwalità tat-teħid ta' deċiżjoni. Din ukoll se żżid l-*aċċess għall-protezzjoni soċjali, għas-suq tax-xogħol u għall-integrazzjoni ġenerali*, sal-punt li tgħolli l-livell ta' drittijiet tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja u aktar ġenerali tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u tal-membri tal-familji tagħhom (billi tagħmel approssimazzjoni tad-drittijiet taż-żewġ status, tgħolli l-livell ġenerali tad-drittijiet mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni, twessa' id-definizzjoni tal-membri tal-familja u telimina l-possibiltà li tnaqqas benefiċċji fil-każ ta' talbiet "manifatturati"). L-approssimazzjoni ta' drittijiet u t-titjib tal-aċċess għal protezzjoni għan-nisa (emendi lir-"rekwiżit ta' konnessjoni" u l-"grupp soċjali partikolari") *se jirrinforzaw il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni*. Finalment, bosta emendi mmiraw lejn il-ftuħ tad-definizzjoni ta' membri tal-familja u ż-żieda fid-drittijiet mogħtija lill-benefiċjarji ta' protezzjoni u lill-membri tal-familji tagħhom se jkollha ukoll impatti pożittivi f'termini ta' *titjib tad-drittijiet tat-tfal*.

🡻 2004/83/KE
⇨ ġdid

2009/0164 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar standards stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala ~~rifuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali~~ ⇨ benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ⇦ u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment punti 1(ċ), 2(a) u 3(a) tal-ewwl paragrafu tal-Artikolu 63 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[15],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[16],

Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[17],

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għandhom isiru numru ta' tibdil sostantivi lid-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-kwalifiki u l-istatus taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew dawk ta' mingħajr stat bħala rifuġjati jew bħala persuni li, għal raġunijiet oħra, għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u relatati mal-kontenut tal-protezzjoni mogħtija[18]. Dik id-Direttiva għandha tiġi mfassla mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

15 ĠU C […], […], p. […].
16 ĠU C […], […], p. […].
17 ĠU C […], […], p. […].
18 ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12

🡻 2004/83/KE premessa 1

(2) Politika komuni fuq l-ażil, inkluża Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil, hija parti fundamentali mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tkun miftuħa għal dawk li, mġegħlin miċ-ċirkustanzi, ifittxu leġittimament protezzjoni fil-Komunità.

---

🡻 2004/83/KE premessa 2

(3) Il-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tamper fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 ftiehem li jaħdem sabiex jistabbilixxi Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, ibbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra li tirrigwarda l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 ("Konvenzjoni ta' Ġinevra"), kif supplimentata mill-Protokoll ta' Ġdid York tal-31 ta' Jannar 1967 (Protokoll), b'hekk tafferma l-prinċipju ta' non-refoulement u tiżgura li ħadd ma' jintbagħat lura għal persekuzzjoni.

---

🡻 2004/83/KE premessa 3

(4) Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll jipprovdu l-pedament ~~cornerstone~~ tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' rifuġjati.

---

🡻 2004/83/KE premessa 4

(5) Il-Konklużjonijiet ta' Tamper jipprovdu li Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea għandha tinkludi, fuq terminu qasir, l-approssimazzjoni ta' regoli dwar l-għarfien ta' rifuġjati u l-kontenut tal-istatus tar-rifuġjat.

---

🡻 2004/83/KE premessa 5

(6) Il-Konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu wkoll li regoli rigward l-istatus tar-rifuġjati għandhom jiġu kumplimentati b'miżuri dwar forom sussidjarji ta' protezzjoni, li joffru status xieraq lil kull persuna fil-bżonn ta' din il-protezzjoni.

---

⇩ ġdid

(7) L-ewwel fażi fil-ħolqien tas-Sistema ta Ażil Komuni Ewropea issa ntlaħqet. Il-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Novembru 2004 adotta l-Programm tal-Aja li jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom jiġu implimentati fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja matul il-perjodu 2005-2010. F'dan ir-rigward, il-Programm tal-Aja stieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkonkludi l-evalwazzjoni tal-istrumenti legali tal-ewwel fażi u tissottometti l-istrumenti u l-miżuri tat-tieni fażi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex dawn jiġu adottati qabel it-tmiem tal-2010. Skont il-Programme tal-Aja, l-għan li għandu jiġi

segwit għall-ħolqien tas-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea hu l-istabbiliment ta' proċedura komuni tal-ażil u status uniformi validu mal-Unjoni.

(8) Fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u Ażil adottat fis-16 ta' Ottobru 2008, il-Kunsill Ewropew enfasizza li kien fadal numru konsiderevoli ta' diverġenzi bejn Stat Membru u ieħor dwar l-għoti ta' protezzjoni u l-forom li l-protezzjoni tieħu u sejjaħ għal inizjattivi ġodda sabiex jitkompla l-istabbiliment tas-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea, provduta fil-Programm tal-Aja u għalhekk joffri grad ogħla ta' protezzjoni.

(9) Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet li ttieħdu, hu xieraq, f'dan l-istadju, li jiġu kkonfermati l-prinċipji bażi tad-Direttiva 2004/83/KE kif ukoll biex jinkiseb livell ogħla ta' approssimazzjoni tar-regoli dwar rikonoxximent u kontenut tal-protezzjoni internazzjonali fuq il-bażi ta' standards ogħla, sabiex isir progress lejn l-istabbiliment ta' status ta' protezzjoni uniformi validu mal-Unjoni, skont l-għan stabbilit mill-Programm tal-Aja.

(10) Ir-riżorsi tal-Fond Ewropew tar-Refuġjati u tal-Uffiċċju Ewropew tal-Appoġġ dwar l-Ażil għandhom ikunu mobilizzati sabiex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri relatati mal-implimentazzjoni tal-istandards msemmija fit-tieni fażi tas-Sistema Komuni Ewropea għall-Ażil, b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati mas-sistemi tal-ażil tagħhom, b'mod partikolari minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom.

---

🡻 2004/83/KE premessa 6

(11) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa, mill-banda waħda, li jiżgura li Stati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, mill-banda l-oħra biex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju huwa disponibbli għal dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha.

---

🡻 2004/83/KE premessa 7
⇨ ġdid

(12) L-approssimazzjoni ta' regoli dwar l-għarfien u l-kontenut tal-istatus ta' rifuġjat u ta' protezzjoni sussidjara għandu jgħin biex jillimita l-movimenti sekondarji ta' applikanti għall-~~ażil~~ ⇨ protezzjoni internazzjonali ⇦ bejn Stati Membri, fejn dan il-moviment huwa purament ikkaġunat minn differenzi f'qafas legali.

---

🡻 2004/83/KE premessa 8

(13) Hhuwa fin-natura vera ta' standards stabbiliti minimi li Stati Membri għandhom ikollhom il-poter li jdaħħlu jew iżommu aktar dispożizzjonijiet favorevoli għal ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru, fejn din it-talba hija mifhuma li hija fuq il-bażi li l-persuna interessata hija jew rifuġjat skont it-tifsira tal'l-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew persuna li nkella teħtieġ protezzjoni internazzjonali.

🡻 2004/83/KE premessa 9

(14) Dawk iċ-ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, li huma permessi li jibqgħu fit-territorji tal-' l-Istati Membri għal raġunijiet li mhumiex minħabba ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali imma fuq bażi ta' diskrezzjoni għaqlija (discretionary) fuq bażijiet ta' kumpassjoni jew umanitarji, jaqgħu 'l barra mill-iskop ta' din id-Direttiva.

🡻 2004/83/KE premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(15) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⌦ [19] ⌫. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjita tal-bniedem u d-dritt għall-ażil għal applikanti u għall-membri tal-familja li jakkompanjawhom ⇨ u sabiex tippromuovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 7, 14, 15, 16, 18, 21, 24, 34 u 35 tal-Karta u għandha tiġi implimentata kif suppost ⇦ .

🡻 2004/83/KE premessa 11

(16) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi taħt strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom jagħmlu parti u li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.

🡻 2004/83/KE premessa 12
⇨ ġdid

(17) L-"aħjar interessi tat-tfal", għandu jkun kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva, ⇨ skont il-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⇦ .

⇩ ġdid

(18) Hu meħtieġ li wieħed iwessà l-kunċett ta' membri tal-familja, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi differenti partikolari tad-dipendeza u l-attenzjoni speċjali li għandha tingħata lill-aħjar interessi tat-tfal.

[19] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1

➔ 2004/83/KE premessa 13

(19) Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju lill-Protokoll dwar ażil għal ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif hemm fl-anness mat-Trattat li jistabbilixxi lill-Komunità Ewropea.

---

➔ 2004/83/KE premessa 14

(20) L-għarfien ta' status ta' rifuġjat huwa att dikjaratorju.

---

➔ 2004/83/KE premessa 15

(21) Konsultazzjonijiet mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għal Rifuġjati jistgħu jipprovdu gwida ta' valur għal Stati Membri meta jistabbilixxu status ta' rifuġjat skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

---

➔ 2004/83/KE premessa 16

(22) Standards minimi għad-definizzjoni u l-kontenut tal-istatus ta' rifuġjat għandhom jitniżżlu sabiex iservu ta' gwida lill-korpi nazzjonali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

---

➔ 2004/83/KE premessa 17

(23) Hu meħtieġ li jiġu ntrodotti kriterji komuni sabiex jiġu rikonoxxuti applikanti għall-ażil bħala rifuġjati skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

---

➔ 2004/83/KE premessa 18

(24) B'mod partikolari, hu meħtieġ li wieħed jintroduċi aspetti komuni tal-ħtiġiet għall-protezzjoni li jinqajmu fuq il-post; sorsi ta' perikolu u protezzjoni; protezzjoni interna; u persekuzzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

---

➔ 2004/83/KE premessa 19
⇨ ġdid

(25) Protezzjoni tista' tiġi provvduta mhux biss mill-Istat imma wkoll minn partijiet jew organizzazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, li jilħqu l-kundizzjonijiet ta' din id-Direttiva, li jikkontrollaw reġjun jew erja akbar fit-territorju

tal-Istat ⇨ u li huma lesti u kapaċi li jinfurzaw l-istat ta' dritt. Protezzjoni bħal din għandha tkun effettiva u ta' natura li ddum fiż-żmien ⇦ .

---

⇩ ġdid

(26) Protezzjoni interna għandha tkun disponibbli b'mod effettiv lill-applikant f'parti mill-pajjiż ta' oriġini fejn hu jew hi jistgħu jivvjaġġaw b'mod sigur u legali, jiksbu ammissjoni u jissetiljaw.

---

🡻 2004/83/KE premessa 20

(27) Huwa meħtieġ, meta jiġu stmati applikazzjonijiet minn minuri għal protezzjoni internazzjonali, li Stati Membri għandhom jagħtu każ ta' forom speċifiċi għat-tfal ta' persekuzzjoni.

---

⇩ ġdid

(28) Waħda mill-kundizzjonijiet sabiex wieħed jikkwalifika bi status ta' rifuġjat skont it-tifsira tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra hi l-eżistenza ta' konnessjoni każwali bejn l-att ta' persekuzzjoni u raġunijiet tar-razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari. Meta l-persekuzzjoni ssir minn attur mhux Stat, hu biżżejjed jekk teżisti konnessjoni każwali bejn l-assenza tal-protezzjoni mill-Istat kontra l-att ta' persekuzzjoni u waħda minn dawn ir-raġunijiet.

---

🡻 2004/83/KE premessa 21
⇨ ġdid

(29) Hu ugwalment meħtieġ li jiġi introdott kunċett komuni tal-bażi ta' persekuzzjoni "sħubija fi grupp soċjali partikolari". ⇨Kwistjonijiet li joħorġu mis-sess ta' applikant għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom minħabba l-bżonn li tingħata tifsira ta' grupp soċjali partikolari ⇦ .

---

🡻 2004/83/KE premessa 22

(30) Atti kontra r-raġunijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti huma msemmija fil-Preambolu u fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u huma, fost l-oħrajn, inkorporati fir-Reżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar miżuri li jiġġieldu kontra t-terroriżmu, li jiddikjaraw li "atti, metodi u prattiki tat-terroriżmu huma kuntrarju tal-għanijiet u prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti" u li "l-finanzjament, l-ippjanar u t-tqanqil ta' atti terroristiċi apposta huma wkoll kuntrarju għall-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti".

↓ 2004/83/KE premessa 23

(31) Kif imsemmi fl-Artikolu 14, "status" jista' jinkludi ukoll status ta' rifuġjat.

↓ 2004/83/KE premessa 24

(32) Standards minimi għad-definizzjoni u l-kontenut tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandhom ukoll jitniżżlu. Protezzjoni sussidjarja għandha tkun kumplimentari u addizzjonali għall-protezzjoni tar-rifuġjati inkwadrata fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

↓ 2004/83/KE premessa 25

(33) Hu meħtieġ li jiġu introdotti kriterji li fuq il-bażi tagħhom applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rikonoxxuti bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. Dawk il-kriterji għandhom jitfasslu mill-obbligi internazzjonali skont strumenti u prattiċi tad-drittijiet tal-bniedem li jeżistu fl-Istati Membri.

↓ 2004/83/KE premessa 26

(34) Riskji li huma ġeneralment esposti għalihom popolazzjoni ta' pajjiż jew sezzjoni minn popolazzjoni normalment ma joħolqux fihom infushom theddida individwali li tkun tikkwalifika bħala dannu serju.

↓ 2004/83/KE premessa 27

(35) Membri tal-familja sempliċement minħabba r-relazzjoni tagħhom mar-rifuġjat, normalment se jkunu vulnerabbli għal atti ta' persekuzzjoni f'manjiera li tista' tkun il-bażi ta' status ta' rifuġjat.

↓ 2004/83/KE premessa 28

(36) L-idea ta' sigurta nazzjonali u ordni pubblika tkopri wkoll każijiet li fihom ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jappartjeni għal assoċjazzjoni li tappoġġja terroriżmu internazzjonali jew tappoġġja din l-assoċjazzjoni.

↓ 2004/83/KE premessa 29

~~Filwaqt li l-benefiċċji provduti lill-membri tal-familja tal-benefiċjarji tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja mhux neċessarjament għandhom ikunu l-istess bħal dawk~~

provduti lill-benefiċjarju li jikwalifika, għandhom ikunu ġusti meta mqabbla ma' dawk li jgawdu minnhom il-benefiċjarji tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja.

---

⇩ ġdid

(37) Hu neċessarju li jiġi żgurat rispett sħiħ għall-prinċipju ta' non-diskriminizzazzjoni filwaqt li tiġi sodisfatta t-talba tal-programm tal-Aja għall-istabbiliment ta' status uniformi. Minħabba f'hekk, u bl-eċċezzjoni tad-derogazzjonijiet li huma meħtieġa u ġustifikati b'mod oġġettiv, benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja għandhom jingħataw l-istess drittijiet u benefiċċji bħala rifuġjati, u għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-eliġibilità.

---

🡻 2004/83/KE premessa 30

(38) Fil-limiti dikjarati minn obbligi internazzjonali, Stati Membri jistgħu jippreskrivu li l-għoti ta' benefiċċji rigward aċċess għal impjieg, għajnuna soċjali, kura tas-saħħa u aċċess għal faċilitajiet ta' integrazzjoni jeħtieġ il-ħruġ minn qabel ta' permess ta' residenza.

---

⇩ ġdid

(39) Sabiex jiġi mtejjeb l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet u benefiċċji msemmija fid-Direttiva mill-benefiċċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, hu meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet speċifiċi u l-isfidi partikolari tal-integrazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom.

(40) F'dak il-kuntest, għandhom isiru sforzi b'mod partikolari sabiex jiġu indirizzati l-problemi relatati mar-restrizzjonijiet finanzjarji li ma jħallux lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali mill-aċċess effettiv għall-opportunitajiet edukattivi li huma relatati mal-impjieg u għat-taħriġ vokazzjonali.

---

🡻 2004/83/KE premessa 31

(41) Din id-Direttiva ma tapplikax għall-benefiċċji finanzjarji mill-Istati Membri li jitħallew jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ.

---

🡻 2004/83/KE premessa 32

Id-diffikultajiet fil-prattika li l-benefiċjarji tal-istatus tar-rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja jiltaqgħu magħhom dwar l-awtentikazzjoni tad-diplomi, ċertifikati barranin tagħhom jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

⇩ ġdid

(42) Miżuri speċjali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv id-diffikultajiet fil-prattika li jiltaqgħu magħhom il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali dwar l-awtentikazzjoni tad-diplomi u ċertifikati barranin tagħhom jew ta’ evidenza oħra ta’ kwalifiki formali, b’mod partikolari minħabba tan-nuqqas ta’ evidenza dokumentarja u tal-inabbiltà li jilħqu mal-ispejjeż relatati mal-proċeduri ta’ rikonoxximent.

---

🡻 2004/83/KE premessa 33
⇨ ġdid

(43) Huwa xieraq li sabiex jiġi evitat tbatija soċjali (*social hardship*) għall-benefiċjarji tal-~~istatus ta’~~ ~~rifuġjat jew~~ protezzjoni ⇨ internazzjonali ⇦ ~~sussidjarja~~, li jipprovdu mingħajr diskriminazzjoni fil-kuntest tal-għajnuna soċjali l-assistenza soċjali u l-mezzi ta’ sussistenza adegwati.

---

🡻 2004/83/KE premessa 34

~~Fir-rigward tal-assistenza soċjali u kura tas-saħħa, il-modalitajiet u detall tad-dispożizzjoni tal-benefiċċji prinċipali lill-benefiċjarji tal-istatus ta’ protezzjoni sussidjarja għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali. Il-possibiltà li jiġu limitati l-benefiċċji għal benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni sussidjarja għal benefiċċji ġewwinija trid tinftiehem fis-sens li din l-idea tkopri għall-inqas appoġġ ta' dħul minimu, għajnuna fil-każ ta' mard, tqala u għajnuna lill-ġenituri, sakemm u safejn jingħataw lil ċittadini nazzjonali skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru interessat.~~

---

🡻 2004/83/KE premessa 35
⇨ ġdid

(44) Aċċess għall-kura tas-saħħa, inkluż kemm il-kura tas-saħħa fiżika u mentali, għandhom jiġu żgurati lill-benefiċjarji ~~tal-istatus~~ ~~ta’ rifuġjat~~ ~~jew~~ ta’ protezzjoni ⇨ internazzjonali ⇦ ~~sussidjarja~~.

---

⇩ ġdid

(45) Il-bżonnijiet u l-partikolaritajiet speċifiċi tas-sitwazzjoni tal-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, kemm jista’ jkun, fil-programm ta’ integrazzjoni li jiġi provdut lilhom.

---

🡻 2004/83/KE premessa 36

(46) L-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva għandha tiġi valutata f'intervalli regolari, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri dwar non-refoulement, l-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri kif ukoll l-iżvilupp ta’ prinċipji bażiċi komuni għall-integrazzjoni.

---

🡻 2004/83/KE premessa 37

(47) Minħabba li l-għanijiet tad-Direttiva proposta, jiġifieri li tistabbilixxi standards minimi għall-għotja ta’ protezzjoni internazzjonali lil ċittadini ta’ pajjiż terz u persuni mingħajr stat mill-Istati Membri u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tad-Direttiva, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tistà tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalita, kif dikjarat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk il-għanijiet.

---

🡻 2004/83/KE premessa 38

~~Bi qbil mal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika, permezz ta’ ittra tat-28 ta’ Jannar 2002, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.~~

---

🡻 2004/83/KE premessa 39

~~Bi qbil mal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tat-13 ta' Frar 2002, ix-xewqza tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

---

🡻 2004/83/KE premessa 40

(48) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmużin mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix se tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⇩ ġdid

(49) L-obbligazzjoni li tiġi trasposta din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandha tiġi limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(50) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien biex issir traspożizzjoni għal liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness I, il-Parti B.

---

🡻 2004/83/KE (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*KAPITOLU I*

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

*Artikolu 1*

**~~Suġġett u ambitu~~ ⌦ Skop ⌫**

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tippreskrivi standards minimi għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala ⇨ benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ⇦ ~~rifuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali~~ u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

*Artikolu 2*

**Id-definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva ⌦ għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫:

(a) "protezzjoni internazzjonali" tfisser l-istatus ta' rifuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'~~(d)~~(e) u ~~(f)~~(g);

⇩ ġdid

(b) "benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser persuni li ngħataw status ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'(e) u (g);

---

🡻 2004/83/KE

~~(b)~~(c) "Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra" tfisser il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 konnessa mal-istatus tar-rifuġjati magħmula f'Ġinevra kif emendata bill-Protokoll ta' Ġdid York tal-31 ta' Jannar 1967;

~~(c)~~(d) "rifuġjat" ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' bir-raġun li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħed barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma jistax jew, minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx jirritorna lejha, u li l-Artikolu 12 ma japplikax għalih;

~~(d)~~(e) "status ta' rifuġjat" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala rifuġjat;

~~(e)~~(f) "persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja" tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala rifuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tiegħu jew tagħha, jiffaċċja riskju veru li jsofri periklu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għalihom l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikawx, u ma jistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

~~(f)~~(g) "status ta' protezzjoni sussidjarja" ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

~~(g)~~(h) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex status ta' rifuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

---

⇩ ġdid

(i) "applikant" ifisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali;

🡻 2004/83/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~(h)~~(j) "membri tal-familja" jfissru, sakemm u safejn il-familja tkun diġa' eżistiet fil-pajjiż tal-oriġini, il-membri tal-familja li ġejjin, tal-familja tal-benefiċjarju tal-~~istatus~~ ~~tar-rifuġjat jew~~ ~~ta'~~ protezzjoni ⇨ internazzjonali ⇦ ~~sussidjarja~~ li huma preżenti fl-istess Istat Membru rigward l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

– ir-raġel/mara tal-benefiċjarju tal-~~istatus ta' rifuġjat jew~~ protezzjoni ⇨ internazzjonali ⇦ ~~sussidjarja~~ jew is-sieħeb/sieħba tiegħu f'relazzjoni stabbli, fejn il-leġislazzjoni jew il-prassi tal-Istat Membru interessat titratta koppji mhux miżżewġa b'mod paragunabbli għal koppji miżżewġa skont il-liġi li tirrigwarda l-aljeni;

– it-tfal minuri tal-~~koppja~~ ⌦ koppji ⌫ riferita fl-ewwel indent jew il-benefiċjarju tal-~~istat~~ ~~ta'~~ ~~rifuġjat jew~~ protezzjoni ⇨ internazzjonali ⇦ ~~sussidjarja~~, fuq kundizzjoni li mhumiex miżżewġin ~~u dipendenti~~ u mingħajr ma jitqies jekk twieldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew adottati kif definit skont il-liġi nazzjonali;

⇩ ġdid

– it-tfal minorenni miżżewwġa tal-koppja li jirreferi għalihom l-ewwel indent jew tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, mingħajr ma tittieħed każ ta' jekk jitwildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali, fejn hu għall-aħjar interess tagħhom li jirresjedu fl-istess pajjiż bħall-benefiċjarju.;

– il-missier, l-omm jew adult ieħor li jiġi minnhom u li hu responsabbli għall-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali sew jekk bil-liġi jew bl-użanza, meta dan tal-aħħar hu minorenni jew mhux miżżewweġ, jew meta hu/hi huma minorenni u miżżewwġa iżda hi fl-aħjar interessi tiegħu/tagħha li joqgħodu fl-istess pajjiż bħal missieru/ha, ommu/ha jew adult ieħor li jiġi minnhom u li hu responsabbli;

– il-minuri mhux miżżewwġa tfal tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, meta dan tal-aħħar hu minuri u mhux miżżewweġ, jew meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jew it-tfal tiegħu/tagħha huma minuri u miżżewwġa iżda hu fl-aħjar interess ta' wieħed jew aktar minnhom li huma jirrisjedu fl-istess pajjiż.

(k) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat taħt l-età ta' tmintax;

↓ 2004/83/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~(i)~~(l) "minorenni mhux akkompanjati" tfisser ~~ċittadini minn pajjiż terz jew persuni mingħajr stat taħt l-eta' ta' tmintax-il sena~~ ⇨ minuri ⇦ li ⌦ jasal ⌫ fuq it-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli ⌦ għalih/a ⌫ ~~għalihom~~ sew jekk bil-liġi jew b'użanza, u sakemm ~~huma~~ ⌦ hu/hi ⌫ mhumiex effettivament fil-kura ta' persuna bħal din; għandha tinkludi minorenni li ~~jitħallew~~ jitħalla mhux akkompanjati wara li ⌦ hu/hi ⌫ jkunu daħlu ~~daħal~~ fit-territorju ta' Stati Membri;

~~(j)~~(m) "permess ta' residenza" ifisser kull permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, fil-forma provvduta skont dik il-leġislazzjoni tal-Istat, li tippermetti ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jgħix fit-territorju tiegħu;

~~(k)~~(n) "pajjiż ta' oriġini" ifisser il-pajjiż jew pajjiżi ta' nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, ta' residenza abitwali ta' qabel.

*Artikolu 3*

**Standards stabbiliti aktar favorevoli**

L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu jew jżommu standards stabbiliti aktar favorevoli biex jistabbilixxu min jikkwalifika bħala rifuġjat jew bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u biex jistabbilixxu l-kontenut ta' protezzjoni internazzjonali, sakemm u safejn dawk l-istandards stabbiliti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva.

*KAPITOLU II*

**Valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali**

*Artikolu 4*

**Valutazzjoni ta' fatti u ċirkostanzi**

1. L-Istati Membri jistgħu iqisuha bħala d-dmir tal-~~'l~~applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'koperazzjoni ma~~l~~-~~'l~~applikant huwa d-dmir tal-~~' l~~Istat Membru li jistma l-elementi rilevanti tal- ~~'l~~applikazzjoni.

2. L-elementi riferiti fil-paragrafu 1 jikkonsistu mid-dikjarazzjonijiet tal-~~'l~~applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tal-~~'l~~applikanti rigward l-età~~a~~ tal-~~'l~~ applikant, l-ambjent minn fejn ikun ġej, inkluż dak ta' qraba rilevanti, identità~~a~~, nazzjonalità(jiet), pajjiż(i) u post(ijiet) ta' residenza ta' qabel, applikazzjonijiet ta'

ażi~~s~~il ta' qabel, rotti ta' vjaġġar, dokumenti ta' identità~~a~~ u ta' vjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. L-istima ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi li jitqiesu:

(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini fil-ħin tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni; inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini u l-manjiera li fiha jiġu applikati;

(b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti preżż~~s~~entati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(c) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-~~'l-~~applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, sess u età~~a~~, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali tal-~~'l-~~applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikun jammonta għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(d) jekk l-attivitajiet tal-~~'l-~~applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini kienux għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawn l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew periklu serju jekk jiġi ritornat ~~lura lil~~ lejn dak il-pajjiż;

(e) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.

4. Il-fatt li applikant diġà kien suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju jew għal theddid dirett għal din il-persekuzzjoni jew dan il-perikolu, huwa indikazzjoni serja tal-biżà bir-raġun ta' persekuzzjoni jew ir-riskju veru li jsofri periklu serju, minbarra jekk ikun hemm raġunijiet tajbin li jista' jitqies li din il-persekuzzjoni jew periklu serju ma jiġix ripetut.

5. Fejn Stati Membri japplikaw il-prinċipju skont liema huwa d-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mhumiex appoġġjati minn xhieda dokumentarja jew xhieda oħra, dawk l-aspetti m'għandhomx jeħtieġu konferma, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

(b) l-elementi rilevanti kollha, għad-dispożizzjoni tal-~~'l-~~applikant, ikunu ġew sottomessi, u spjegazzjoni sodisfaċenti li tirrigwarda ~~għandha x'taqsam ma'~~ nuqqas ta' elementi rilevanti oħra tkun ingħatat;

(c) id-dikjarazzjonijiet tal-~~'l-~~applikant jinstabu li huma koerenti u plawsibbli u ma jmorrux kontra informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti għall-każ tal-~~'l-~~applikant;

(d) l-applikant ikun applika għal protezzjoni internazzjonali fil-ħin l-aktar kmien possibbli, sakemm l-applikant jista' jagħti raġuni tajba għaliex ma jkunx għamel dan; u

(e) il-kredibilità~~a~~ ġenerali tal-~~'l-~~applikant tkun ġiet stabbilita.

*Artikolu 5*

**Ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali li jinħolqu sur place**

1. Biżżà~~a~~ bir-raġun li jiġi persegwitat jew riskju veru li jsofri minn periklu serju jista' jiġi bażat fuq każijiet li jkunu seħħu mindu l-applikant ikun telaq mill-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini.

2. Biżżà~~a~~ bir-raġun li jiġi persegwitat jew riskju veru li jsofri minn periku serju jista' jiġi bażat fuq attivitajiet li l-applikant ikun wettaq minn meta telaq mill-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini, partikolarment fejn jiġi stabbilit li l-attivitajiet fuq liema jkun straħ jikkostitwixxu l-espressjoni u l-kontinwità~~a~~ ta' konvinzjonijiet jew orjentamenti miżmuma fil-pajjiż tal-~~'l-~~orġini.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant li jiddepożita applikazzjoni sosegwenti normalment m'għandux jingħata status ta' rifuġjat, jekk ir-riskju ta' persekuzzjoni jkun ibbażat fuq ċirkostanzi li l-applikant ikun ħoloq bid-deċiżjoni tiegħu stess minn meta jkun telaq mill-pajjiż tal-~~'l-~~oriġini.

*Artikolu 6*

**Atturi ta' persekuzzjoni jew periklu serju**

Atturi ta' persekuzzjoni jew periklu serju jinkludu:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat;

(c) atturi mhux tal-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija f'(a) u (b), inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiequx jipprovdu protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju kif definit fl-Artikolu 7.

*Artikolu 7*

**Atturi ta' protezzjoni**

1. Protezzjoni ⇨ kontra persekuzzjoni jew dannu serju għandha tkun effettiva u li ddum u ⇦ tista' tiġi ⇨ biss ⇦ provduta minn

   (a) l-Istat; jew

   (b) partijiet jew organizzazzjonijiet inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat ⇨ u li jridu u jistgħu jinfurzaw l-istat ta' dritt ⇦

2. ⇨Protezzjoni effettiva u li ddum ⇦ hija ġeneralment provvduta meta l-atturi msemmija fil-paragrafu 1 jieħdu passi raġonevoli sabiex jipprevjenu l-persekuzzjoni jew isofru minn periklu serju, fost ħwejjeġ oħra, billi joperaw sistema legali effettiva għall-kxif, prosekuzzjoni u kastig ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni jew periklu serju, u l-applikant għandu aċċess għal din il-protezzjoni.

3. Meta jiġi stmat jekk organizzazzjoni internazzjonali tikkontrollax Stat jew parti sostanzjali tat-territorju tiegħu u tipprovdi protezzjoni kif deskritta fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kull gwida li tista' tiġi pprovduta f'atti rilevanti tal-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Interner Schutz**

1. Bħala parti mill-istima tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li applikant mhuwiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jekk ~~f'parti mill-pajjiż tal-oriġini ma hemmx biża' bir-raġun li jiġi persegwitat jew l-ebda riskju veru li jsofru periklu serju~~ ⇨ hu/hi għandhom aċess għal protezzjoni kontra persekuzzjoni jew riskju veru kif definit fl-Artikolu 7 f'parti mill-pajjiż tal-oriġini ⇦ u ~~l-applikant hu mistenni raġonevolment li jgħix~~ ⇨ hu/hi jistgħu jivvjaġġaw b'mod sigur u legali, jakkwistaw ammissjoni u jissetiljaw ⇦ f'dik il-parti tal-pajjiż.

2. Fl-eżami ta' jekk ⇨ applikant għandhux aċċess għal protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju ⇦ f'parti mill-pajjiż tal-oriġini ~~hijiex~~ bi qbil ma' paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom fil-ħin tat-teħid tad-deċiżjoni fuq l-applikazzjoni jqisu ċ-ċirkostanzi ġenerali li jipprevalu f'dik il-parti tal-pajjiż u għaċ-ċirkostanzi personali tal-applikant. ⇨Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni preċiża u aġġoranta hi miksuba minn sorsi varji, bħal eżempju l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil ⇦

3. ~~Paragrafu 1 jista' japplika minkejja ostakli tekniċi għar-ritorn fil-pajjiż tal-oriġini.~~

*KAPITOLU III*

## Kwalifika biex wieħed ikun rifuġjat

*Artikolu 9*

### Atti ta' persekuzzjoni

1. ⌦ Sabiex din titqies bħala ⌫ att ta' persekuzzjoni fit-tifsira tal-'l-Artikolu 1 A tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ⌦ att ⌫ għandu:

   (a) ikun serju biżżejjed fin-natura jew repetizzjoni ⌦ tiegħu ⌫ li jikkostitwixxi vjolazzjoni serja ta' drittijiet bażiċi tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet minn liema deroga ma tistax issir skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali; jew

   (b) ikunu akkumulu ta' diversi miżuri, inkluż vjolazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li huwa serju biżżejjed li jaffettwa individu f'manjiera simili kif imsemmi f'(a).

2. Atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1, jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jieħdu l-forma ta':

   (a) atti ta' vjolenza fiżiċi jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali;

   (b) miżuri legali, amministrattivi, ta' pulizija u/jew ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati f'manjiera diskriminatorja;

   (c) prosekuzzjoni jew kastig, li huwa sproporzjonat jew diskriminatorju;

   (d) negar ta' twissija ġudizjarja li tirrisżulta f'kastig sproporzjonat jew diskriminatorju;

   (e) prosekuzzjoni jew kastig għar-rifjut li wieħed iwettaq servizz militari f'konflitt, fejn it-twettieq ta' servizz militarju jkun jinkludi delitti jew atti li jidħlu taħt il-klawsoli ta' esklużjoni kif dikjarat fl-Artikolu 12(2);

   (f) atti ta' natura speċifika għas-sess jew għat-tfal.

3. Bi qbil mal-Artikolu 2(ċ), irid ikun hemm konnessjoni bejn ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 10 u l-atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1 ⇨ jew l-assenza ta' protezzjoni kontra atti bħal dawn ⇦ .

*Artikolu 10*

**Raġunijiet għal persekuzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi li ġejjin meta jistmaw ir-raġunijiet għal persekuzzjoni:

   (a) il-kunċett ta' razza għandu partikolarment jinkludi kunsiderazzjonijiet ta' kulur, dixxendenza jew sħubija ta' grupp etniku partikolari;

   (b) il-kunċett ta' reliġjon għandu partikolarment jinkludi ż-żamma ta' twemmin f'Alla (theistic), mhux f'Alla (non-theistic), u ateu, il-parteċipazzjoni ġo, jew l-astenzjoni minn, qima formali fil-privat jew fil-pubbliku, jew ta' wieħed waħdu jew f'komunità ma' oħrajn, atti oħra reliġjużi jew espressjonijiet ta' ħsieb, jew forom ta' kondotta personali jew li ⌦ tirrigwarda ⌫ ~~għandha x'taqsam ma~~l-komun bażati fuq jew mandati minn xi twemmin reliġjuż;

   (c) il-kunċett ta' nazzjonalità m'għandux jiġi ristrett għal ċittadinanza jew nuqqas tagħha imma għandu partikolarment jinkludi sħubija ta' grupp stabbilit mill-identità kulturali, etnika, jew lingwistika tiegħu, oriġini ġijografika jew politika jew ir-relazzjoni tiegħu mal-popolazzjoni ta' Stat ieħor;

   (d) grupp għandu jitqies li jifforma grupp soċjali partikolari fejn partikolarment:

   – membri ta' dak il-grupp jaqsmu karatteristika innata jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristiku jew twemmin li tant huwa fondamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunsjah; u

   – li grupp għandu identità distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li huwa notat bħala differenti mis-soċjeta ta' madwaru~~;~~.

   ~~s~~Skont iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż tal-orġini, grupp soċjali partikolari jista' jinkludi grupp ibbażat fuq karatteristiku komuni ta' orjentament sesswali. Orjentament sesswali ma jistax jinftiehem li jinkludi atti li huma meqjusa bħala kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri~~;~~. Aspetti relatati mas-sess ⇨ għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni li jixirqilhom sabiex tiġi determinata sħubija fi grupp soċjali partikolari jew identifikata karatteristika ta' grupp bħal dan ⇦ ~~jistgħu jiġu kkunsidrati, mingħajr minnhom infushom u weħidhom joħolqu preżunzjoni għall-applikabbiltà ta' dan l-Artikolu~~

   (e) il-kunċett ta' opinjoni politika għandu partikolarment jinkludi ż-żamma ta' opinjoni, ħsieb jew twemmin dwar kwistjoni relatata mal-atturi potenzjali ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 6 u għall-politika jew metodi tagħhom, sewwa jekk dik l-opinjoni, ħsieb jew twemmin ikun aġixxa fuqu l-applikant u sewwa jekk le.

2. Fl-istima ta' jekk applikant għandux biża' bir-raġun ta' persekuzzjoni mhuwiex importanti jekk l-applikant attwalment ⌦ għandux ⌫ ~~jipposjedix~~ il-karatteristiku ta' razziżmu, reliġjuż, nazzjonali, soċjali jew politiku li jattira l-persekuzzjoni, basta

iżda li dan il-karatteristiku huwa attribbwit għall-applikant mill-attur ta' persekuzzjoni.

*Artikolu 11*

**Waqfien**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jieqaf milli jkun rifuġjat, jekk huwa jew hija:

(a) approfitta ruħu jew ruħha mill-ġdid b'mod voluntarju mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità; jew

(b) billi kien tilef in-nazzjonalità tiegħu jew tagħha, akkwistaha mill-ġdid b'mod voluntarju; jew

(c) akkwista nazzjonalità ġdida, u jgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità ġdida tiegħu jew tagħha; jew

(d) stabbilixxi lilu nnifsu mill-ġdid b'mod voluntarju fil-pajjiż li huwa jew hija jkun telqu jew barra mill-liema huwa jew hija jkunu baqgħu minħabba biża ta' persekuzzjoni; jew

(e) ma jistax aktar, minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom huwa jew hija jkunu ġew magħrufa bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, i~~j~~kompli jirrifjuta milli japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità;

(f) billi hija persuna mingħajr stat ~~bl-ebda nazzjonalitàa~~, huwa jew hija tista', minħabba li ċ-ċirkostanzi li f'konnessjoni magħhom huwa jew hija ġie magħruf bħala rifuġjat ikunu waqfu milli jeżistu, tirritorna lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel.

2. Fil-kunsiderazzjoni tal-punti (e) jew (f) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu jekk il-bdil fiċ-ċirkostanzi huwiex ta' natura sinifikanti u mhux temporanja li l-biżà~~a~~ tar-rifuġjat minn persekuzzjoni ma tistax tibqa' titqies bħala bir-raġun.

---

⇩ ġdid

3. Punti (e) u (f) tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li jistà jinvoka raġunijiet b'saħħithom li joħorġu minn persekuzzjoni preċedenti talli rrifjuta li juża l-protezzjoni tal-pajjiż ta' nazzjonalità jew, minħabba li kien persuna mingħajr stat tal-pajjiz tar-residenza abitwali ta' qabel.

🡻 2004/83/KE (adattat)

*Artikolu 12*

**Esklużjoni**

1. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jiġi eskluż milli jkun rifuġjat, jekk:

(a) huwa jew hija jaqgħu fl-iskop tal- '1-Artikolu 1 D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li ⌦ tirrigwarda ⌫ għandha x'taqsam mal-protezzjoni jew l-għajnuna minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti oħra għajr il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Meta din il-protezzjoni jew għajnuna tkun waqfet għal xi raġuni, mingħajr mal-'l-pożizzjoni ta' dawn il-persuni tkun miftiehma definittivament bi qbil mar-risoluzzjonijiet rilevanti adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn il-persuni għandhom ipso facto jkunu jiġu ntitolati għall-benefiċċji ta' din id-Direttiva;

(b) huwa jew hija jingħarfu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih huwa jew hija qegħdin igħixu bħala li għandhom id-drittijiet u l-obbligi li jingħataw lill-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż; jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għal dawn.

2. Ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għandu jiġi eskluż milli jkun rifuġjat meta jkun hemm raġunijiet serja li jitqiesu li:

(a) huwa jew hija jkunu kommettew delitt kontra l-paċi, delitt ta' gwerra, jew delitt kontra l-umanitàa, kif definit fl-istrumenti internazzjonali mfassla biex jagħmlu provvediment rigward dawn id-delitti;

